# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 25**

**Rikors Numru 369/09 LM**

**Alfred Spiteri u Joseph Spiteri**

**v.**

**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija;**
**u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2010 l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-atturi li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar digriet [id-digriet appellat] mogħti fil-5 ta' Ottubru 2015 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li bih dik il-Qorti laqghet it-talba tal-Awtorità dwar it-Trasport [l-Awtorità] konvenuta u ordnat is-soprasessjoni tal-kawza odjerna sakemm il-kawza numru 592/2009 fl-ismijiet **Awtorità dwar it-Trasport ta'**

**Malta v. Avukat Generali et** tghaddi in gudikat, u konsegwentement halliet il-kawza odjerna *sine die* riappuntabbli skont il-*proviso* fl-Artikolu 964(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, wara li ssir talba appozita minn xi wahda mill-partijiet fi zmien perentorju ta' hmistax-il gurnata mid-data li fiha l-imsemmija kawza tkun defenittivament deciza.

**Il-Fatti**

2. Il-vertenza odjerna tirrigwarda tlett kawzi:

3. [1] il-kawza quddiem il-Kummissjoni Ghall-Kummerc Gust [il-Kummissjoni] fl-ismijiet **Marianna Spiteri et v. L-Awtorità tat-Trasport ta' Malta**, li giet konkluza b'decizjoni[1] moghtija fil-15 ta' Ottubru 2008 li permezz taghha l-istess Kummissjoni iddecidiet li l-agir tal-Awtorità konvenuta kien vjolattiv tal-Artikolu 9[1][2][e] tal-Att dwar il-Kummerc Gust [Kap. 379].

4. [2] il-kawza odjerna bin-numru 369/09 istitwita fl-14 ta' April 2009 fejn l-atturi qed jitolbu d-danni konsegwenzjali ghall-agir illegali tal-Awtorità konvenuta; u

5. [3] il-kawza numru 592/09[2] fl-ismijiet **L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta v. Avukat Generali et**, istitwita f'Gunju 2009 fejn l-Awtorità [allura attrici] qed titlob li l-imsemmija decizjoni tal-Kummissjoni tigi dikjarata nulla minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni u/jew li hija bazata fuq zball evident tal-ligi.

[1] Foll. 5 *et seq.*
[2] Foll.116 *et seq.*

6. Dawn l-ahhar zewg kawzi ghadhom pendenti u skont id-digriet appellat l-ewwel Qorti fil-kawza odjerna issoprassjediet sakemm tigi finalment deciza l-kawza numru 592/09 istitwita sussegwentement.

**Id-Digriet Appellat**

> "Dan id-digriet huwa dwar it-talba tal-Awtorità konvenuta għas-soprasessjoni pendenti l-eżitu tar-Rikors Maħluf numru 592/2009 fl-ismijiet Awtorità dwar it-Trasport vs Avukat Ġenerali et.
>
> "L-Awtorità konvenuta tikkontendi li l-allegazzjoni ċentrali tal-atturi f'din il-kawża hi li l-Awtorità hija responsabbli għad-danni peress li kisret id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379). Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tat-8 ta' Ottubru 2008 (li hija d-deċiżjoni li kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Kap 379 min-naħa tal-Awtorità) qed tiġi impunjata mill-Awtorità konvenuta permezz ta' proċeduri separati li ġew istitwiti bir-Rikors Maħluf numru 592/2009/2 MC fl-ismijiet Awtorità dwar it-Trasport vs Avukat Ġenerali et.
>
> "L-Awtorità konvenuta tirrileva li hemm lok għal soprasessjoni ta' din il-kawża sakemm tiġi deċiża l-kawża dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust.
>
> "Min-naħa tagħhom l-atturi jikkontendu li r-responsabbiltà o meno tal-konvenuti jew min minnhom, għad-danni fil-konfront tal-atturi tipprexxindi minn kwalsiasi deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust. L-atturi jsostnu li huma kienu jkunu intitolati jeżerċitaw l-azzjoni odjerna anki mingħajr ma jirrikorru quddiem il-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust.
>
> ……………….. omissis ………………….
>
> "Applikati dawn il-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għall-każ odjern, din il-Qorti tqis li l-kawża l-oħra (Rikors Maħluf numru 592/2009/2 MC) qiegħed ikun mitlub mill-Awtorità konvenuta li jsir stħarriġ ġudizzjarju li jista' jwassal biex id-deċiżjoni msemmija tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru 2008 tkun dikjarata nulla u inattendibbli.
>
> "Min-naħa l-oħra, fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' responsabbiltà, likwidazzjoni u ħlas ta' danni li huma allegatament sofrew b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-Awtorità konvenuta kif

> premess fir-Rikors Maħluf tagħhom, kif ġie kkonfermat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru, 2008, fejn ġie dikjarat li l-għemil tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien jikser tal-Artikolu 9(1), (2) (e) tal-Kap. 379, u li l-Awtorità konvenuta aġixxiet abbużivament, b'mod illi mmanipulat is-suq sabiex taġevola l-kompetituri diretti tal-atturi.
>
> "Għalkemm huwa minnu dak li ntqal mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom li huma kienu jkunu intitolati jeżerċitaw l-azzjoni odjerna anki mingħajr ma jirrikorru quddiem il-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust, il-fatt li l-kawża preżenti ġiet ibbażata fuq il-premessa li l-allegat għemil illegali tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien ikkonfermat bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru, 2008, din il-Qorti tqis li huwa espedjenti li tiġi ordnata s-soprasessjoni ta' din il-kawża pendenti l-eżitu tal-kawża l-oħra (Rikors Maħluf numru 592/2009/2 MC)."

## L-Appell

7. L-atturi ma jaqblux ma' din id-decizjoni, u qed jinterponu dan l-appell principalment bazat fuq l-aggravju li t-talba ghad-danni reklamati minnhom fil-kawza odjerna mhijiex limitata ghad-decizjoni tal-Kummissjoni u ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 379, imma l-azzjoni proposta kif imfassla fir-rikors promotur tkopri wkoll danni rizultanti anke minn ksur ta' kwalsiasi ligi ohra. Ghalhekk, skont huma, m'huwiex opportun li l-Qorti tistenna l-ezitu tal-kawza numru 592/2009 sabiex tkompli bis-smigh tal-kawza.

8. L-atturi jissottomettu ulterjorment li s-soprassessjoni hija mizura eccezzjonali u ghandha tigi applikata biss meta s-soluzzjoni ta' punt necessarjament jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra.

9. Jissenjalaw li fil-kaz odjern, ghalkemm ir-rikors guramentat fil-premessi tieghu jirreferi ghad-decizjoni tal-Kummissjoni, ma jfissirx li l-azzjoni odjerna hija unikament bazata fuq l-ezistenza u fuq il-validità ta' dik id-decizjoni, ghax, anke minghar dik id-decizjoni, l-azzjoni attrici xorta wahda trid tigi mistharrga abbazi tal-provi li ghad iridu jigu prodotti sabiex jigi determinat jekk l-ghemil tal-Awtorità konvenuta kienx wiehed legali jew le. Fuq kollox, l-ghemil addebitat lill-Awtorità konvenuta f'din il-kawza mhuwiex limitat ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 379 izda jestendi ghall-ksur ta' kwalsiasi ligi ohra. Di fatti, l-ewwel talba taghhom tirreferi ghal "ghemil illegali". Ghalhekk l-ezitu tal-kawza l-ohra mhux ser jinfluwixxi sostanzjalment fuq il-meritu tal-kawza odjerna.

10. Ghaldaqstant qed jitolbu li din il-Qorti thassar id-digriet appellat u minflok, tichad it-talba tal-Awtorità konvenuta ghas-soprassessjoni u tirrimanda lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigh tal-kawza.

11. B'risposta tad-19 ta' Ottubru 2015, l-Awtorità konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-atturi.

12. In succint, l-Awtorità konvenuta twiegeb illi l-bazi tal-proceduri odjerni hija li l-Awtorità hija responsabbli ghad-danni peress illi kisret id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 379 u dan in vista tad-decizjoni tal-Kummissjoni li fil-

prezent hija soggetta ghall-proceduri ta' stharrig gudizzjarju fil-kawza 592/2009.

13. Tissottometti illi jrid ikun hemm konnessjoni bejn il-premessi migjuba fir-rikors guramentat u t-talbiet. Fil-proceduri odjerni jirrizulta b'mod inekwivoku illi l-kawza hija bazata fuq ksur da parti tal-Awtorità konvenuta tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 379. Tissottometti illi l-atturi ma jistghux issa jbiddlu l-bazi tat-talba taghhom u jitolbu danni minhabba ghemil li jista' jkun kuntrarju ghal xi ligi ohra. Ir-rikors promutur huwa bbazat biss fuq allegat ksur tal-imsemmi Kap. u l-atturi ma jistghux, fil-mori tal-proceduri, iwessghu t-talbiet aktar milli hemm fir-rikors promotur, ghax dan ikun ifisser li l-Awtorità konvenuta ma tkunx fil-pozizzjoni li tiddefendi ruhha. Tissenjala illi jekk fit-tieni kawza, il-Qorti ssib li d-decizjoni tal-Kummissjoni hija nulla u inattendibbli, dan ikun ifisser li l-Awtorità ma tkunx kisret id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 379 u ghalhekk ma jkun hemm ebda ghemil illegali da parti taghha, bil-konsegwenza li ma tistax tinstab responsabbli ghad-danni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

14. In tema legali jigi osservat li jinsab ritenut li:

> "….huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[3], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.[4] Kemm hu hekk, ingħad

[3] Art. 195(1) tal-Kap 12
[4] App. Ċiv.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet Mifsud noe vs Abela et. (Kollez. Vol:XXIX.i.1295)

saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[5], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi [ta' Organizzazzjoni u] Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens*[6] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;

"Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.[7]

"... Jinsab assodat ukoll fil-gurisprudenza nostrana illi s-soprasessjoni tigi ammessa biss meta tkun spedjenti, u li l-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita'. Maghdud dan, isegwi illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. [vide in materja PA **Sylvana Tanti vs Noel Tanti et** - 3 ta' April 2014]."[8]

15. Applikati l-principji fuq citati ghal din il-kawza, din il-Qorti tosserva li dak li ghandu qabel xejn jigi ezaminat fir-rizoluzzjoni tal-vertenza in dizamina huwa dak li qed jintalab fil-kawza odjerna u r-ragunijiet li fuqhom l-atturi qed isejjsu t-talbiet taghhom u sussidjarjament, jekk ikun il-kaz, dak li qed jintalab fil-kawza numru 592/2009.

16. In tema legali hija relevanti l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kaz fl-ismijiet **Carmelo Cassar v. Victor Zammit**[9]

[5] P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXVIII.i.211)

[6] Kost. 20.7.1994 fil-kawża fl-ismijiet Mifsud vs Onor. Prim'Ministru et (Kollez. Vol: LXXVIII.i.171) u P.A. Kost LSO 21.7.2015 fil-kawża fl-ismijiet Partit Nazzjonalista et vs Kummissjoni Elettorali et (in parte)

[7] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 23.6.1869 fil-kawża fl-ismijiet German et vs Scicluna et (Kollez. Vol: V.157); P.A. 23.1.1946 fil-kawża fl-ismijiet Buġeja vs Żammit (Kollez. Vol: XXXII.ii.197) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe (mhix pubblikata)

[8] Ara. PA Doriz Catania et vs Evelyn Farrugia et deciza 9 Dicembru 2015 u App.S HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg, deciza 27 Mejju 2016

[9] App.Inf. 23 ta' Gunju 2004

"Hu maghruf u anke accettat in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri [Kollez.Vol.XLII.86]. Hi wkoll regola procedurali, sostnuta mill-gurisprudenza li l-kawzali tad-domanda ossia, ir-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandh tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni [Kollez. Vol.XXXIV.85] Dan b' mod li l-qorti ma tistax tiddecidi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritent, 'mhux lecitu li kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espresso fic-citazzjoni [Kollez.Vol.XLV.II.777]"

17. Ghall-intendiment ahjar ta' din is-sentenza ser jigi riprodott fl-intier tieghu ir-rikors promotur fil-kawza odjerna:

"1. Illi fis-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993), Angelo Spiteri, illum mejjet, importa f'Malta tliet (3) vetturi tat-tip open top double deckers, bl-iskop speċifiku li dawn il-vetturi jintużaw sabiex jiġi provdut servizz ta' trasport, prinċipalment fis-settur tat-turiżmu. L-istess Angelo Spiteri kien ikkommetta ruħu għal dan l-investiment wara li dan it-tip ta' servizz kien ġie indirizzat favorevolment fil-Pjan Strutturali għall-Gżejjer Maltin ippubblikat fl-elf disa' mija u disgħin (1990), fejn fil-paragrafu mmarkat bħala Policy PTR12 kien ġie speċifikatament ikkontemplat li "Bus operators will be encouraged to experiment with special types of service for tourists such as open top buses and road trains";

"2. Illi l-Awtorità konvenuta kienet espressament awtorizzat bil-miktub lill-imsemmi Angelo Spiteri sabiex jimporta u jopera l-imsemmija vetturi. L-imsemmija vetturi waslu Malta, fejn tħallas id-dazju relattiv fuqhom, u l-awtorità doganali lokali sussegwentement irrilaxxat il-vetturi skont il-liġi fil-pussess ta' Angelo Spiteri;

"3. Illi sussegwentement saret talba formali għar-reġistrazzjoni tal-istess vetturi kif ukoll għall-għoti tal-liċenzji relattivi, bil-għan li l-vetturi de quo jkunu jistgħu jiġu operati għal skop tat-trasport ta' passiġġieri fit-toroq tal-Gżejjer Maltin;

"4. Illi permezz ta' diversi komunikazzjonijiet, l-Awtorità konvenuta kienet uriet il-ħsieb tagħha li tikkonċedi l-liċenzji meħtieġa lil dawn il-vetturi. Dan il-ħsieb madankollu qatt ma mmanifesta ruħu fl-att pożittiv tal-għoti tal-liċenzji, bil-konsegwenza li Angelo Spiteri, u in segwitu ta' mewtu, martu u wliedu, inkluż l-atturi, baqgħu miżmuma milli joperaw tali vetturi importati regolarment;

"5. Illi l-imsemmi Angelo Spiteri, u wara l-mewt tiegħu, martu u wliedu inkluż l-atturi, ġew imċaħħda illegalment għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena mill-permessi u mil-liċenzji meħtieġa u dan stante li ma kienet teżisti l-ebda raġuni għaliex dawn il-permessi u liċenzji ma kellhomx jingħataw, kif del resto ġie kostantement ammess mill-Awtorità konvenuta.

"6. Illi permezz ta' ilment bin-numru sitta (6) tal-elfejn u sitta (2006), l-atturi, flimkien ma' ommhom Marianna, armla ta' Angelo Spiteri, u oħthom Karen,

miżżewġa Camilleri, aġixxew fil-konfront tal-Awtorità konvenuta bil-manjiera u bil-proċedura kkontemplati fil-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta;

"7. Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fil-ħmistax (15) ta' Ottubru 2008, ġie dikjarat li l-għemil tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien leżiv tal-Artikolu 9(1), (2) (e) tal-Kap. 379, u li l-Awtorità konvenuta aġixxiet abbużivament, b'mod illi mmanipulat is-suq sabiex taġevola l-kompetituri diretti tal-esponenti;

"8. Illi b'konsegwenza ta' dan kollu l-atturi, flimkien ma' ommhom Marianna armla ta' Angelo Spiteri u oħthom Karen miżżewġa Camilleri, sofrew danni kummerċjali sostanzjali, li għalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti;

"9. Illi filwaqt li l-esponenti baqgħu jitolbu lill-Awtorità konvenuta tinħarġilhom liċenzja sabiex joperaw bl-open top double decker buses, l-istess Awtorità konvenuta ħarġet liċenzji lill-operatur kompetitur biex jopera b'vettura l-istess għamla, iżda mhux lill-esponenti;

"10. Illi permezz ta' skritturi privati datati tnejn (2) ta' April, 2009, l-imsemmija Marianna armla ta' Angelo Spiteri u Karen miżżewġa Camilleri assenjaw favur l-atturi d-dritt rispettiv tagħhom biex jipproċedu ġudizzjarjament kontra l-istess konvenuti għar-riżarċiment tad-danni subiti, b'liema assenjazzjoni l-konvenuti ġew mgħarrfa ġudizzjarjament, kif trid il-liġi;

"11. Illi minkejja li ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, il-konvenuti baqgħu lkoll inadempjenti.

"Għaldaqstant l-atturi umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

"1. tiddikjara u tiddeċiedi illi b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti kif premess, l-atturi sofrew danni inġenti għal liema danni huma responsabbli l-istess konvenuti, jew min minnhom;

"2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi occorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi;

"3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi d-danni kif likwidati in forza tat-tieni domanda.

"u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

"Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Protest Gudizzjarju bin-numru 140/2009, u bl-imgħax legali, mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 1994 sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, li huma minn issa inġunti in subizzjoni."

18. Din il-Qorti tosserva li t-talbiet attrici huma diretti sabiex jigi dikjarat li *"b'konsegwenza tal-ghemil illegali tal-konvenuti kif fuq premess"* l-atturi sofrew

danni u tigi ordnata l-likwidazzjoni u l-hlas ta’ dawn id-danni konsegwenzjali. Minn qari tal-premessi li jikkostitwixxu r-ragunijiet tat-talbiet attrici jirrizulta car li l-atturi mhumiex qed jillimitaw il-kawzali taghhom ghad-decizjoni tal-Kummissjoni moghtija fil-15 ta’ Ottubru 2008, [numri 6 u 7], imma qed jibbazaw it-talbiet taghhom ukoll fuq l-agir tal-Awtorità konvenuta li ikkagunalhom danni kummerjcali sostanzjali, meta dina, wara li awtorizzathom jimportaw il-vetturi, naqset milli tilqalhom it-talba ghar-registrazzjoni tal-istess vetturi u ghall-ghoti tal-licenzji relattivi. Dan jirrizulta mill-premessi numri 4 u 5 fejn l-atturi jippremettu li minhabba dan in-nuqqas tal-Awtorità, *“huma baqghu mizmuma milli joperaw tali vetturi importati regolarment …….. u gew imcahhda illegalment ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena mill-permessi u mill-licenzji mehtiega u dan stante li ma kienet tezisti l-ebda raguni ghaliex dawn il-permessi u licenzji ma kellhomx jinghataw….”.* Ikomplu jippremettu [para. 8] li *“konsegwenza ta’ dan kollu l-atturi ….. sofrew danni kummercjali sostanzjali li ghalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti”*.

19. Fid-dawl tal-premess l-atturi ghandhom ragun meta jsostnu li l-azzjoni proposta minnhom mhijiex bazata unikament fuq l-effetti legali tad-decizjoni tal-Kummissjoni, izda hija aktar wiesa minn hekk u tinkludi l-agir illegali tal-Awtorità fil-konfront tal-atturi, liema agir wassal sabiex dawn isofru danni. Ghalhekk, anke jekk *ex ipotesi* d-decizjoni tal-Kummissjoni tigi dikjarata nulla fil-kawza nru. 592/2009 xorta wahda l-ewwel Qorti ghandha tkompli tisma’ il-

provi dwar il-mertu, jigifieri jekk l-agir tal-Awtorità kienx illegali u, fil-kaz affermattiv tiddeciedi dwar id-danni konsegwenzjali.

20. Ghaldaqstant l-aggravju tal-atturi huwa fondat u qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-atturi, tirrevoka d-digriet appellat, u tordna l-prosegwiment tal-kawza mill-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-Awtorità konvenuta.

Tordna li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df